**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Spiridione Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 110/13**

**Illum, 28 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Spiridione Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 421279M akkuzat talli fix-xahar ta' Settembru 2011 fi Triq tal-Barrani Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer saq vettura tal-ghamla SEAT CORDOBA numru tar-Registrazzjoni DAH306 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta'

hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta' Sharon Bellizzi minn B'Kara.

Ukoll talli talli fl-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Brian Bellizzi minn Birkirkara skond kif iccertifika Dr Andre' Mercieca 3239 mill-Isptar Mater Dei liema ferita ikkagunat difett permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Alexia Bellizzi minn Birkirkara skond kif iccertifikat Dr. Martina Falzon Reg 5289 mill-Isptar Mater Dei liema ferita setghat gabet periklu tal-hajja, debbullizza permanenti fis-sahha, jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem

jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u gabet marda tal-gisem li damet tletin gurnata jew izjed.

Ukoll talli talli talli fl-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Sheldon Bellizzi, Dejan Bellizzi, u Rhiyana Buhagiar ilkoll minn Birkirkara skond kif iccertifikat Dr. Martina Falzon Reg 5289 mill-Isptar Mater Dei.

Ukoll talli talli fl-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku ikkagunu, hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat PUNTO numru tar-registrazzjoni FCZ014 ghad-detriment ta' Brian Bellizzi minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku ikkaguna hsara fuq arblu

tad-dawl ghad-detriment ta' EneMalta Corporation u/jew entitajiet u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-4 ta' Settembru 2011 waq li saq vettura SEAT CORDOBA numru DAH306 fi Triq Tal-Barrani Hal-Tarxien u kien involut f'incident tat-traffiku t Hal-Tarxien naqas li jaghti kampjun tan-nifs kif mahub bil-Ligi.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi saq l-imsemmija vettura SEAT CORDOBA numru tar-Registrazzjoni DAH306 b'manjiera traskurata u perikoluza.

Ukol talli fl-istess cirkustanzi saq l-imsemmija vettura SEAT CORDOBA numru tar-Registrazzjoni DAH306 bi speed eccessiv.

Il-Qorti giet mitluba li f'sejbien ta' htija, Spiridione Agius jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014) (a fol. 40) li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom l-imputat ghandu jinstab hati li huma u wara li l-imputat kkonferma li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew minn din il-Qorti bi procedura sommarja:

1. fl-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 226 (1)(a) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikoli 328 (a), (b) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-artikoli 15 (1)(a), (2) u (3), 15E(4), 15H(1) u (2), 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fir-Regolament 127 tal-L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta; u
6. fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda kwazi netta;

Semghet ix-xhieda kollha inkluz dik tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza izda a rigward il-prosekuzzjoni dawn inghataw zewg okkazzjonijiet fejn jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom anke bil-miktub izda dawn baqghu inadempjenti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-imputat u vettura ohra misjuqa minn Sharon Bellizzi fi Triq il-Barrani, Tarxien f'Settembru tal-elfejn u hdax (2011) fejn minn dan l-incident

tilfet hajjitha l-istess Sharon Bellizzi, u fejn ir-ragel taghha wegga' gravi u t-tfal taghhom weggghu hafif;

Illi f'dawn il-proceduri xehdu numru ta' xhieda fosthom **Dr. Martina Falzon** li kkonfermat il-griehi hfief subiti mill-minuri Rihana Buhagiar, Dejan, Sheldon u Alexia Bellizzi li kienu fil-vetturi tal-imputat u l-vittmi rispettivament u li kull ma kellhom kien xi tbengil u brix. Hija kkonfermat ic-certifikat mahrug minnha u li hu mmarkat bhala Dok. MF1 (fol. 16 *et seq)*.

Xehed ukoll l-ufficjal prosekutur **Spettur Spiridione Zammit** fejn xehed illi huwa mar fuq il-post wara li sehh l-incident fejn dan kien xi s-saghtejn ta' filghodu (2:00 a.m.) fejn hemmhekk sab zewg karrozzi tal-ghamla Seat Cordoba tal-imputat u Fiat Punto FCZ 014 tal-vittma fejn dawn tal-ahhar u cioe' Sharon Bellizzi u r-ragel taghha kienu ghadhon gewwa l-karrozza fuq in-naha ta' quddiem fejn Sharon kienet fuq in-naha tas-sewwieq u r-ragel taghha fuq il-passiggier. Huwa jghid illi l-imputat kien fil-karrozza mal-*partner* tieghu u gol-karrozza

kellhom iz-zewgt itfal tal-*partner* tieghu kif ukoll minuri tieghu. Irrizulta li hadd minn dawn ma kien ferut. Irrizultalu li sab iz-zewg vetturi jharsu lejn in-naha ta' Santa Lucia quddiem il-pompa tal-petrol, fejn il-Fiat Punto kellha hsara estensiva fuq in-naha tax-xellug taghha u fuq in-naha tax-xellug ta' wara. Is-seat kellha hsarat fuq in-naha ta' quddiem tal-lemin. Irrizultalu wkoll sussegwentement illi meta sar il-*breathyliser* test fuq l-imputat dan irrizulta li kellu *alcohol in mouth* li jfisser li l-imputat kien xorob xi spirti ftit qabel l-incident.

Illi x-xhud ikompli jghid illi minn stharrig li kien ghamel mal-espert Mario Butigieg jirrizultalhom li bl-aktar probabilita' gara li z-zewg karrozzi kienu qeghdin tal-vittma fuq il-karreggjata ta' gewwa u tal-imputat fuq dik ta' barra fejn ghal xi raguni l-vittma ddecidiet li tohrog fuq il-karreggjata ta' barra u cioe' quddiem l-imputat, l-imputat dahal gol vettura tal-vittma bil-konsegwenza li ta daqqa fuq wara, din dahlet fuq is-*central strip* u konsegwentement fl-arblu. Illi x-xhud jghid ukoll illi l-imputat kien qabel ma' din il-verzjoni bid-differenza li hu

jghid illi d-daqqa tahielha wara li l-vittma kienet habtet mal-arblu. Illi l-istqarrija tal-imputat fil-fatt tirrifletti wkoll din il-verzjoni. Jirrizulta wkoll illi l-karrozza tal-imputat iccaqalqet daqsxejn wara l-incident.

Xehed ukoll <u>**Dr. Mario Butigieg**</u> li filwaqt li kkonferma l-inkarigu tieghu fl-inkjesta redatta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Edwina Grima ikkonferma illi dakinhar tal-incident it-temp kien wiehed tajjeb fejn iz-zewg familji kienu gejjin mill-Birzebbuga Sailing Club fejn kienu flimkien jieklu biex imbaghad telqu bil-karrozzi rispettivi taghhom. Illi x-xhud jikkonferma illi l-imputat kien stqarr mieghu li hemmhekk kienu qasmu flixkun inbid bejn erbgha kif ukoll bejn zewg persuni ohra. Dan jghid hekk:

> **"Mix-xhieda migbura rrizulta huma kienu waslu vicin it-tieni sett ta' traffic lights l-istess indikaturi meta kien qed jimmarka orangjo, illi minflok naqqsu l-velocita' huma ziedu din il-velocita' bil-konsegwenza li qabzu anke t-tielet sett tat-traffic lights illi dak il-hin bilfors**

**kellhom ikunu homor peress li dawn it-traffic lights kollha jahdmu flimkien. Meta Agius u Bellizzi kienu ghaddejjin mit-Triq tal-Barrani Agius qed isuq fuq il-karreggjata waqt li Bellizzi kienet qed issuq fuq il-karreggjata ta' gewwa. Dan irrizulta li ghal xi raguni Bellizzi marret fuq il-karreggjata ta' barra bil-konsegwenza li sehhet habta qisha front to rear fejn Sharon Bellizzi tilfet il-kontroll, habtet mal-arblu tad-dawl, giet deflected, qasmet it-triq u marret fuq in-naha l-ohra tat-triq kwazi fejn l-entratura li wiehed jidhol ghal Santa Lucia."**

Xehed ukoll ir-ragel tal-vittma u cioe' **Brian Bellizzi** li kkonferma li dakinhar tal-incident kienu ltaqghu mal-imputat u l-familja tieghu u qaghdu flimkien gol-klabb ta' Birzebbugia fejn wara telqu bil-karrozzi rispettivi taghhom. Huwa jghid illi kienu fi Triq il-Barrani fejn f'daqqa wahda Sharon hadet daqqa fil-karrozza senjatament fil-genb, fejn il-*mudguard* u fejn il-*bonnett* tan-naha tax-xufier, u baqghet sejra gol-arblu. Huwa jghid li mbaghad intilef minn sensieh. Huwa jghid illi bhala

velocita' kienu ghaddejjin b'xi hamsin (50) kilometru fis-siegha.

Xehdet <u>**WPS Justine Grech**</u> li halfet l-okkorrenza li kienet hejjiet hi stess u li giet immarkata bhala Dok. JG1 u fejn hija kkonfermat li kienet ghamlet il-*breathyliser test* lill-imputat fejn dan irrizulta li kien hemm *alcohol in mouth*.

Xehed ukoll <u>**Dr. Andre Mercieca**</u> illi kien invista lil Brian Bellizzi fejn ikkonferma illi dan kien qed isofri minn griehi gravi fejn kellu ksur fil-parti tal-ghonq, ksur fl-ghadma ta' mniehru u qata' fin-naha ta' quddiem ta' mniehru.

Xehed <u>**Eric Montfort**</u> li hu rapprezentant legali min-naha tal-Enemalta u kkonferma li l-hsarat fuq l-arblu mertu ta' dawn il-proceduri jammontaw ghal disa' mija, tlieta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€993.20) u li kienu ghadhom ma thallsux (Dok EM 1).

Xehdu rapprezentanti tas-*Civil Protection* u li kienu dawk li marru jassistu l-persuni nvoluti u dawn kienu **Charles Grima**, **Gareth Bonnici** u **Anthony Mifsud** fejn dawn ikkonfermaw li meta waslu fuq il-post sabu l-karozza tal-vittma Sharon Bellizzi fejn din kienet fuq in-naha tax-xufier mitlufa minn sensieha pero' fejn din kellha is-*seat belt* ghadu mwahhal maghha u r-ragel taghha kien fuq in-naha tal-passiggier u fejn ma jahsbux li dan kien liebes *seat belt* izda li kien fi stat mhux koxxenti. It-tfal taghhom gabuhom f'mument sussegwenti persuni ohra li kienu fuq il-post u li mbaghad ittellghu fl-ambulanza.

Xehdet **Joanne Mizzi** li kienet fil-karrozza tal-imputat fuq in-naha tal-passiggier u tghid illi meta dawn kienu qed isuqu f'Tal-Barrani ghal xi raguni qabzithom Sharon Bellizzi u f'daqqa wahda jaraw il-karrozza ticcaqlaq tnejn qisu bhal xi hadd qisu jzomm l-*isteering* 'l hawn u 'l hemm. Hija tghid li sadanittant ma kienx ghad hemm impatt maghhom. Hija tkompli tghid is-segwenti:

> **"U mbaghad regghet f'daqqa wahda jigifieri giet quddiemna hekk u baqghet diehla jigifieri go l-arblu. U Spiru prova jiskapulha, jevitha, u ma tantx kien hemm cans jigifieri li jieqaf u hekk ghax mill-ewwel. Imbaghad ilqatniha naqra ehe u baqghet sejra faccata hi, n-naha 'l ohra jigifieri hi, 'l hemm hekk. U ahna bqajna sejrin ghan-nofs, tat-triq. U mbaghad il-karrozza peress li giet - kienet f'nofs ta' triq Spiru ressaqha minn nofs tat-triq minhabba l-karrozzi ghax kienu gejjin il-karrozza u tefaghha hdejjhom, hdejn fejn kienet ta' Sharon. U mbaghad cempilna l-ambulanza u hekk, hrigna t-tfal jigifieri mill-karrozza u hekk ghax bdew jghajjtu u jwerzqu u naf li - imbaghad it-tifla bdiet tghajjat u tikbi u bdiet tghid li ghalxejn beda jghidlha d-daddy ghalfejn qed taqbez il-lines u beda jzommilha l-isteering jigifieri u daqshekk hux."**

Xehdu wkoll il-patologi **Dr. Marie Therese Camilleri Podesta'** u **Dr. Ali Sarfraz** li flimkien kienu nominati fl-atti tal-inkjesta sabiex jaghmlu l-awtopsja tad-defunta Sharon Bellizzi. Huma

jghidu illi r-raguni tal-mewt kien dovut ghall-frattura fil-kranju u *necrosis* tal-mohh.

Xehed ukoll **Dr. Carlo Refalo** li kien ezamina lil Sharon Bellizzi wara l-incident fejn ikkonferma li wara li ddahlet l-emergenza Sharon kellha ksur f'wiccha u madwar l-ghajn, ksur fl-id il-leminija u wkoll kienet kissret il-fwied. Fil-fatt hija sa dak il-punt kienet fil-periklu tal-mewt.

Xehdet it-tifla tal-vittma u cioe' **Alexia Bellizzi** li dakinhar tal-incident kienet fuq in-naha ta' wara tal-karrozza u fejn hija tghid li kellha hafna nas u kienet kwazi rieqda fejn f'daqqa wahda hasset daqqa min-naha ta' wara u minnufih intilfet minn sensieha.

Xehed il-konsulent **Dr. Stephen Sciberras** fejn ikkonferma li dan raha lil Sharon Bellizzi l-ITU fl-isptar u wara xi jiem gie kkonfermat li Sharon kienet klinikament mejta.

Xehed l-espert mediko-legali **Dr. Mario Scerri** fejn ikkonferma r-rapport tieghu u kkonferma wkoll dak li kienu xehdu t-tobba qablu.

Rega' xehed **Dr. Mario Butigieg** inkontroezami fejn ikkonferma li l-manuvra ta' Sharon Bellizzi kienet manuvra li saret f'daqqa (sudden movement). Illi hareg ukoll illi l-imputat prova jiehu *evasive action* meta gie rinfaccjat bil-karrozza ta' Sharon Bellizzi quddiemu.

F'din ix-xhieda nqalghu numru ta' dubji fejn per ezempju fix-xhieda in ezami tieghu kien xehed illi z-zewg karrozzi ma kinux qeghdin b'velocita' qawwija izda inkontroezami iptotizza l-possibilita' li l-imputat seta' accelera f'certu punt wara li Sharon qabzitu. F'hin minnhom jintqal ukoll illi l-karrozza ta' Sharon setghet iddecellerat qabel ma sar l-impatt.

Reghhet xehdet inkontroezami **Joanne Mizzi** fejn din regghet ikkonfermat illi l-vettura ta' Sharon qasmet il-karreggjata ghal fuqhom f'sabta u baqghet diehla fl-arblu. Hi qalet ukoll illi l-

imputat ipprova jiskapulaha u per konsegwenza tela' ftit fuq is-*central strip* imma peress li kienu gejjin il-karrozzi minn naha l-ohra rega' kiser in-naha l-ohra fejn f'dan il-punt sar impatt mal-vettura ta' Sharon biex b'hekk baqghet sejra faccata. Dan l-impatt gie wara li Sharon kienet laqtet l-arblu.

Finalment xehed l-imputat **Spiridione Agius** fejn ikkonfrma li kienu xi familji fil-klabb ta' Birzebbuga u fejn meta telqu kienu qeghdin isuqu hdejn il-vettura ta' Sharon Bellizzi bil-familja taghha fejn dan jghid illi f'daqqa wahda jaraw lil din il-karrozza tghaddi *gas down* minn hdejhom ghal quddiemhom minghajr l-ebda indikazzjoni ta' xejn. Hu jghid li kien hemm madwar karozza jew karozza u nofs bejniethom. Huwa jkompli jghid hekk:

> **"F'daqqa wahda lili hasditni, pruvajt naqbez is-central strip kont diga' tlajt fuq is-central strip. Kienu gejjin il-karozzi sparati l-isfel u ergajt dort fuq in-naha tal-passiggier halli dduk minn kien nizel l-isfel, duk ma jolqotnix, duk ma jweggax lilna, u striehna qisna duk**

**mal-karrozza ta' Bellizzi u komplejt sejra faccata, faccata tat-triq. . . .**

**Kienet diga' dahlet gol-arblu hi."**

Hu jghid ukoll illi meta qabzet il-karreggjata lil Bellizzi tperpritilha l-karozza u baqghet diehla gol-arblu.

Ikkunsidrat:

Illi analizi qasira tal-gurisprudenza nostrana turi x'inhuma r-responsabilitajiet ta' sewwieq fit-triq.

Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out* specjalment meta jkun qed jaghmel manuvra eccezzjonali bhal dik li kien qed jaghmel l-imputat. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004]), il-Qorti kkwotat sintezi mehuda minn decizjoni precedenti (deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD]) u sostniet:

> "*Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".*

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha*

*tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew*

*traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi dan il-kaz kien ibbazat fuq numru ta' suppozizzjonijiet li ghalkemm maghmulin minn espert tal-Qorti pero' ma kinux tali li setghu jikkonvincu lil din il-Qorti oltre d-dubju dettat mil-ligi ta' kif sehh ezatt l-incident. Kull ma hu cert hu li d-defunta Sharon Bellizzi kienet qed issuq fuq il-karreggjata ta' gewwa u l-imputat fuq dik ta' barra u f'daqqa wahda; minghajr l-ebda pre-avviz jew indikazzjoni; harget fuq il-karreggjata ta' barra ghal quddiem il-karrozza tal-imputat. Illi f'dan il-punt mhux car ezattament meta sehh l-impatt. Illi mix-xhieda pajzana li ttellghu senjatament dik ta' Brian Bellizzi u tat-tifla tieghu ftit li xejn insibu konfort ta' x'gara ezatt ghaliex tezisti nuqqas ta' ko-erenza f'dawn il-verzjonijiet minn meta taw id-depozizzjoni taghhom *a tempo vergine* u dik tul dawn il-proceduri. Anke meta xehed Brian Bellizzi tul il-kaz huwa jghid illi huwa kien rieqed u anke t-tifla tieghu meta semmew li kien

hemm daqqa minn wara u allura kif tista' din il-Qorti tistrieh kompletament fuq il-verzjoni tal-fatti taghhom b'mod ezatt.

Illi min-naha l-ohra l-verzjoni tal-imputat kienet dejjem kostanti u din kienet kkombacjata ma' dik tax-xhud Joanne Mizzi li kienet fil-karrozza mieghu. Tajjeb ta' min jghid ukoll illi l-verzjoni taghhom taghmel sens anke meta mqabbla mad-dinamika tal-incident fejn giet ikkonfermata d-daqqa minn wara u brix ta' kulur ahmar.

Ikkunsidrat:

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba u ghad-dinamika tal-incident din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010 fejn intqal:

> *"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh*

*unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha. Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju. Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-*

*interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut. Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto". Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku -Kap 65, il-High Way Code - Motor Vegicle Regulations - bl-*

*iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi."*

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' 4 tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-artikolu 225 tal-Kap 9 jiddisponi s-segwenti: "Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:- 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ; 2. ikkaguna l-mewt ; 3. fuq persuna.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Richard Grech</u>** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 talkodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi l-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu **<u>Teoria delle Obbligazione</u>** (1127 pagna 46) jghid hekk:-

> *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Leonard Grech</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. *la volontarieta dell'atto*; 2 *la mancata previsione dell'effetto nocivo*; u 3 *la possibilita di prevedere*.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *culpa*, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kinux prevedibbli,

hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

Illi l-pozizzjoni tal-imputat odjern tohrog mill-Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema ness irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghall-*criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi bir-rispett kollu dan ma sarx mill-prosekuzzjoni ghaliex dak li hareg hu li l-vittma ghamlet manuvra straordinarja u f'daqqa li hasdet l-imputat u hemmhekk huwa pprova jaghmel manuvra riparattiva.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: <u>**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri**</u> (16/03/1961); <u>**Il-Pulizija vs. John Polidano**</u> (03/11/1963); <u>**Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud**</u> (XXXVII.IV.1131).

Illi f'dan il-kaz huwa car u evidenti li l-kawza prossima ta' dan l-incident kienet il-manuvra perikoluza u azzardata tad-defunta Sharon Bellizzi li tali manuvra l-imputat ma setax jipprevediha u dan qed jinghad a bazi tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova lil din il-Qorti oltre l-konvinciment morali, mod iehor. Gie ppruvat illi l-imputat pprova jiskapulaha permezz ta' azzjoni evaziva izda ghal xi

raguni li ma gietx ippruvata kif trid il-ligi, xorta wahda gara li gara. F'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll illi dan id-dubju serju ghandu jmur favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma tqis lill-imputat **Spiridione Agius** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**